**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D**

Illum 7 ta' Lulju 2025

Il-Pulizija

Kontra

Andre Carlos Spiteri

Il-Qorti
Rat illi l-imputat:

**Andre Carlos Spiteri** ta' sitta u għoxrin (26) sena, iben Joseph Spiteri u Josette nee' Caruana, ta' Nazzjonalita' Maltija, imwieled il-Pieta' nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u disgħin (1999) mingħajr indirizz fiss u detentur tal-karta' tal-Identita' Maltija bin-numru 86699M

U nakkuzawħ talli nhar il-ħamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025), ġewwa Dar Papa Frangisku , u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Santino Diego Stefano B Boschetto f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara ta' natura ħafifa kif iċċertifikat min Dr. Daniel Desira (465L) fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha ( Art 214 skont Art 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. Naqas milli josserva xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'digriet mogħti mill-Maġistrat Dott. Abigail Critien LL.D, datat sitta (6) t' Awwissu elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) u li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet (Art 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

3. U aktar talli igħix ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ (Art 338W tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputat **Andre Carlos Spiteri** u kif ukoll tordna li l-ammonti stabbiliti fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi kkonfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravita' tar-reat;

Il-Qorti hija mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Santino Diego Sergio Stefan B Boschetto jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna/i msemmija u l-familja tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzati skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-persuna/i offiza u l-familja tieghu ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-7 ta' Lulju 2025 inqraw l-akkuzi bil-gurament.
Semghet l-imputat jammetti l-imputazzjonijiet.
Rat li sar l-ezami tal-imputat.
Rat L-Artikoli 28A, 214, 221, 338W , 382A, 383, 384, 385, 412C , 412D, 533, 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat l-atti u dokumentazzjoni kollha tal-kaz.

**Ikkunsidrat**
L-akkuzat ammetta l-ħtija fl-istadju bikri ta' dawn il-proċeduri u kkolabora mal-Pulizija.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 28A, 214, 221, 338(w), 382A, 383, 384, 385, 412C, 412D, 533 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni, fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni,komplessivament tikkundana lil Andre Carlos Spiteri għal sentejn (2) ħabs sospiżi għal perjodu ta' tliet (3) snin skont l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ġew spjegati l-poteri u l-konsegwenzi ta' dan l-artikolu. Fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, fejn naqas milli josserva xi waħda, jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'digriet mogħti mill-Maġistrat Dott. Abigail Critien LL.D, datat is-sitta (6) ta' Awwissu 2025, li bih ingħata ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet skont l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska ta' somma ta' tliet elef ewro (€3,000) favur il-Gvern ta' Malta. Tordna wkoll Ordni ta' Protezzjoni kontra Andre Carlos Spiteri skont l-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' tliet (3) snin, li tifforma parti integrali minn din is-sentenza, u taħt dawn il-kundizzjonijiet fejn tipprojbixxih jew tirrestrinġih milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Santino Diego Stefano Boschetto, tipprojbixxih jew tirrestrinġih milli jkollu aċċess għal kwalunkwe fond fejn jirrisjedi, jaħdem jew jiffrekwenta l-istess Santino Diego Stefano Boschetto, anke jekk l-imputat ikollu xi interess legali f'dak il-fond u tipprojbixxih milli jikkuntattjah jew jimmolestah direttament jew indirettament. Jekk mingħajr raġuni valida, l-imputat jikser xi waħda minn dawn il-projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet, jista', jekk jinstab ħati, jeħel multa ta' sebat elef ewro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn (2), jew it-tnejn li huma.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**